



**Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni**

## **Deċiżjoni Nru 5/2021**

**tat-2 ta' Frar 2021**

**dwar indennizzi fissi għall-membri u s-sostituti  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**

### **IL-BUREAU TAL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,**

- WARA LI KKUNSIDRA** r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 (UE) u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>1</sup>;
- WARA LI KKUNSIDRA** r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, u b'mod partikolari l-Artikoli 37, 39, 40 u 71 tiegħu;
- WARA LI KKUNSIDRA** r-Regolament Nru 8/2017 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat għall-membri u s-sostituti tal- Ewropew Kumitat tar-Reġjuni, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħu;
- BILLI** l-indennizz fiss tal-laqgħat u l-indennizz fiss tal-ivvjaġġar għal kull unità ta' referenza għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-Bureau u l-indennizz fiss ġdid tal-laqgħat għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tad-deċiżjoni tal-Bureau,

---

<sup>1</sup> [ĠU L 193, 30.07.2018, p.1](#)

## **IDDEĊIEDA:**

### **Artikou 1 Indennizz għal kull kilometru**

Fil-każ ta' vjaġġ bil-karozza, l-indennizz fiss għal kull kilometru għandu jkun ta' EUR 0,30.

### **Artikolu 2 Indennizz fiss tal-ivvjaġġar**

L-indennizz fiss tal-ivvjaġġar għandu jkun ta' EUR 176 għal kull unità ta' referenza.

### **Artikou 3 Indennizz fiss tal-laqgħat**

L-indennizz fiss tal-laqgħat għandu jkun ta' EUR 323 għal kull unità ta' referenza.

### **Artikolu 4 Dispożizzjonijiet finali**

Din id-Deċiżjoni tħassar id-Deċiżjoni Nru 3/2020 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tat-12 ta' Frar 2020 dwar indennizzi fissi għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2021.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Frar 2021.

Għall-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni

iffirmat  
Apostolos Tzitzikostas

---